

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 118/2011

tal-10 ta' Frar 2011

li jimponi dazju provviżorju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli li joriġinaw mit-Tajlandja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġetti ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

- (1) Fl-20 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni Ewropea (il-“Kummissjoni”) ħabbret permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ (“Avviż ta' bidu”), il-bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli li joriġinaw mit-Tajlandja (“il-pajjiż ikkonċernat”).
- (2) Il-proċediment inbeda wara lment li tressaq fis-6 ta' April 2010 minn Ring Alliance Ringbuchtechnik GmbH (il-kwerelant) fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ aktar minn 50 % tat-total, tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' ċerti mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli. L-ilment kien fih evidenza *prima facie* ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li tirriżulta minnu, li tqasat biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' proċediment.

1.2. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment

- (3) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-kwerelant, lil produtturi oħra magħrufa fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fit-Tajlandja, lir-rappreżentanti tal-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi u l-utenti magħrufa, bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jippreżentaw l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Avviż ta' Bidu. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smiġh.

- (4) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa bħala kkonċernati u lill-partijiet kollha l-oħra li talbu għalihom fi żmien ta' skadenza stabbilit fl-Avviż ta' bidu, jiġifieri l-kwerelant, produtturi oħra magħrufa fl-Unjoni, il-produttur esportatur magħruf fit-Tajlandja, ir-rappreżentanti tal-pajjiż ikkonċernat, l-importaturi u l-utenti magħrufa. Il-partijiet kollha li għamlu din it-talba fil-limitu ta' żmien u li indikaw li kien hemm raġunijiet partikolari li jinstemgħu ngħataw seduta ta' smiġh.

- (5) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarji u sottomissjonijiet oħra minn produttur esportatur wieħed fit-Tajlandja, mill-produttur tal-Unjoni li ressaq l-ilment, minn ħames importaturi u negozjanti mhux relatati (inkluż wieħed li jipproduċi fl-Unjoni wkoll) u minn utent wieħed.

- (6) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għall-fini ta' determinazzjoni provviżorja tad-dumping, tal-ħsara li rriżultat u tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produttur tal-Unjoni

— Ring Alliance Ringbuchtechnik GmbH, Vjenna, l-Awstrija

(b) Il-produttur esportatur fit-Tajlandja

— Thai Stationery Industry Co. Ltd., Bangkok, it-Tajlandja

(c) Il-kumpaniji relatati mal-produttur esportatur fit-Tajlandja

— Wah Hing Stationery Manufactory Limited, Hong Kong

(d) L-importaturi fl-Unjoni

— Giardini Srl, Settimo Milanese, l-Italja

— Rendol enterprises, Reilingen, il-Ġermanja

— Industria Meccanica Lombarda srl, Offanengo, l-Italja (produttur fl-Unjoni wkoll)

— Winter Company Spain S.A., Spanja

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU C 131, 20.5.2010, p. 13.

1.3. Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat

- (7) L-investigazzjoni ta' dumping u ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010 (il-perjodu ta' investigazzjoni jew 'PI'). L-eżami tattendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-aħħar tal-PI ('il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara').

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (8) Il-prodott ikkonċernat huwa mekkaniżmi tal-illegal bl-anelli li jikkonsistu f'mill-inqas żewġ folji jew wajers tal-azzar b'mill-inqas erba' nofs anelli magħmula minn wajer tal-azzar imhwahhlin fuqhom u li jinżammu ma' xulxin permezz ta' għatu tal-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu billi tiġbed in-nofs anelli jew permezz ta' mekkaniżmu ta' azzjonar żgħir tal-azzar imwaħħal mal-mekkaniżmu tal-illegal bl-anelli. Dan il-prodott joriġina mit-Tajlandja (il-prodott ikkonċernat jew 'RBM' (Ring Binder Mechanism)) u attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00. Il-mekkaniżmu li jiftħu u jagħluq bil-lieva (lever-arch), li jaqgħu taħt l-istess kodiċi NM, mhumiex inklużi fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

- (9) L-RBM jintużaw biex jiġu fajljati tipi differenti ta' dokumenti jew karti. Dawn jintużaw *inter alia* minn produttori ta' ligaturi bl-anelli, manwali tekniċi, albums tar-ritratti u tal-bolli, katalogi u fuljetti.

- (10) Għadd kbir ta' mudelli differenti ta' RBM inbiegħu matul il-PI fl-Unjoni Ewropea. Il-mudelli kienu jvarjaw fid-daqs, forma u numru ta' anelli, fid-daqs tal-pjanċa tal-bażi u fis-sistema ta' kif jinfetħu l-anelli (jinġibdu jew permezz ta' azzjonament tal-ftuħ). Billi kollha kemm huma għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi, u li l-mudelli tal-RBM jistgħu, fil-limitu ta' ċertu firxa ta' prodotti, jissostitwixxu lil xulxin, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-RBM kollha jikkostitwixxu prodott uniku għall-iskop ta' dan il-proċediment.

2.2. Il-prodott simili

- (11) Instab li l-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tat-Tajlandja, kif ukoll il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess huma simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. IT-TEĦID TA' KAMPJUNI

3.1. It-teħid ta' kampjuni tal-importaturi mhux relatati

- (12) Minħabba l-għadd li jidher kbir ta' importaturi mhux relatati, ġie previst it-teħid ta' kampjuni fl-Avviż ta' bidu, b'mod konformi mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk

it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u jekk inhu hekk, tkun tista' tagħżel kampjun, l-importaturi mhux relatati kollha magħrufa ġew mitluba jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni u jipprovdu, kif speċifikat fl-Avviż ta' bidu, informazzjoni bażika dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prodott ikkonċernat (kif definit fit-taqsim 2.1. hawn fuq) matul il-perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010.

- (13) Wara l-eżami tal-informazzjoni mressqa u minħabba l-għadd żgħir ta' importaturi li indikaw ir-rieda tagħhom li jikkooperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ.

4. DUMPING

- (14) Kumpanija waħda fit-Tajlandja wiegħbet il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi. Kumpanija involuta fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat u li tinsab f'Hong Kong relatata ma' dan il-produttur esportatur wiegħbet għall-kwestjonarju wkoll. Fuq bażi tad-dejta tal-importazzjoni rrappurtata mill-Eurostat, il-produttur esportatur (flimkien mal-kumpanija relatata tiegħu) irrapreżenta l-esportazzjonijiet Tajlandiżi kollha lejn l-Unjoni.

4.1. Il-valur normali

- (15) L-investigazzjoni żvelat li l-produttur esportatur ipprova informazzjoni mhux kompluta u mhux korretta fir-rigward ta' elementi sinifikanti tal-kost ta' produzzjoni tiegħu, bħal pereżempju l-konsum dieher tal-metall tan-nikel u l-konsum dieher ta' materja prima oħra. Barra minn hekk, dejta oħra rrappurtata fir-rigward tal-kosti ta' produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni kienet inkonsistenti u ma setgħetx taqbel. Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni żvelat li kien hemm kumpanija relatata fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li kontra dak li ġie ddikjarat fil-bidu mill-produttur esportatur, kienet involuta fil-bejgħ u l-amministrazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-kosti rrappurtati ma kinux jinkludu l-kosti rilevanti ta' din il-kumpanija relatata u għalhekk tqiesu bħala mhux kompluti.

- (16) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-dejta tal-kosti mressqa ma kinitx bażi preċiża biżżejjed għad-determinazzjoni tal-valur normali. Għalhekk tqis li s-sejbiet jiġu msejsa mill-inqas b'mod parzjali fuq il-fatti disponibbli b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

- (17) Il-kumpanija ġiet infurmata minnufih u nġhatat l-oppurtunità li tipprova aktar spjegazzjonijiet, b'mod konformi mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-isjegazzjonijiet mogħtija mill-kumpanija ma kinux sodisfaċenti għaliex ma' ċċaratx l-inkonsistenzi li nstabu. Il-kumpanija lanqas ma setgħet tirrifjuta l-evidenza li wriet li kienet rressqet informazzjoni mhux kompluta, mhux korretta u qarrieqa. Barra minn hekk, il-kumpanija naqset milli tressaq informazzjoni essenzjali dwar il-kumpanija relatata msemmija hawn fuq stabbilita fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina involuta fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

- (18) Minħabba dan li ntqal hawn fuq, tqis li l-valur normali għall-produttur esportatur b'mod provviżorju għandu jiġi determinat fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (19) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra aktar kredibbli, il-valur normali ġie kkalkulat b'mod provviżorju fuq il-bażi tal-informazzjoni relatata mal-kost tal-manifattura fit-Tajlandja kif stipulat fl-ilment. B'mod konformi mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku, sar kontroll reċiproku ta' din l-informazzjoni ma' informazzjoni vverifikata miksuba matul l-investigazzjoni, inkluża dik relatata mal-kosti tal-persunal u l-enerġija fit-Tajlandja. Fejn kien meqjus xieraq, l-informazzjoni pprovduta fl-ilment ġiet korreġuta permezz tal-informazzjoni vverifikata miksuba matul l-investigazzjoni.

- (20) Ammont raġonevoli għal SG&A u qligħ, rispettivament 16 % u 8 %, żdiedu mal-kost tal-manifattura kif stabbilit hawn fuq, fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa fl-ilment.

4.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (21) Il-produttur esportatur għamel bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni permezz tal-kumpanija kummerċjali relatata tiegħu li tinsab 'il barra mill-Unjoni.
- (22) Il-prezz tal-esportazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-prodott meta mibjugħ mill-kumpanija kummerċjali relatata lill-Unjoni, jiġifieri lil xerrej indipendenti, b'mod konformi mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet attwalment imħallsa jew pagabbli.

4.3. Tqabbil

- (23) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (24) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet b'mod konformi mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għal differenzi fil-kosti tat-trasport u tal-assigurazzjoni u l-kosti tal-krediti fejn applikabbli u ġustifikati.

4.4. Il-marġini tad-dumping

- (25) Skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil ta' medja peżata tal-valur normali skont it-tip ta' prodott ma' medja peżata tal-prezz tal-esportazzjoni skont it-tip ta' prodott kif ġie stabbilit hawn fuq.
- (26) Abbażi tal-metodoloġija ta' hawn fuq il-marġnijiet tad-dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz

CIF tal-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Produttur esportatur	Il-marġini tad-dumping
Thai Stationery Industry Co. Ltd., Bangkok, it-Tajlandja	17,2 %

- (27) Minħabba li l-produttur esportatur li qed jikkoopera qies l-esportazzjonijiet Tajlandiżi kollha lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat, tqies li l-marġini residwu ta' dumping għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-marġini tad-dumping misjub għal dan il-produttur esportatur li qed jikkoopera, jiġifieri 17,2 %.

5. DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (28) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-RBM ġew manifatturati fl-UE mill-produtturi li ġejjin:
- Ring Alliance Ringbuchtechnik GmbH, Vjenna, l-Awstrija
 - Industria Meccanica Lombarda srl, Offanengo, l-Italja.
- (29) L-ewwel produttur huwa l-applikant u kkoopera fl-investigazzjoni. L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-applikant irrappreżenta aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' RBM fil-PI.
- (30) It-tieni produttur (li huwa iżgħar) huwa wkoll importatur tal-RBM mit-Tajlandja u oppona l-proċedimenti. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija, instab li matul il-perjodu globali meqjus għall-analiżi tal-ħsara, il-volum tax-xiri tiegħu ta' prodotti Tajlandiżi kien fuq medja komparabbli mal-volum tal-produzzjoni tiegħu stess.
- (31) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq huwa meqjus li, skont l-Artikolu 4(1)(a), it-tieni produttur għandu jiġi eskluż mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk il-produttur applikant biss għandu jikkostitwixxi l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku. Minn hawn 'il quddiem din tissejjaħ 'l-industrija tal-Unjoni'.
- (32) Għandu jiġi nnotat li fl-imgħoddi, l-industrija tal-Unjoni kienet oriġinarjament magħmula minn żewġ produtturi differenti (Koloman Handler – l-Awstrija u Robert Krause – il-Ġermanja) li kienu fallaw u ttieħdu minn grupp Awstrijak. Dawn il-kumpaniji kienu soġġetti għal ristrutturatur sinifikanti u l-istruttura attwali "Ring Alliance Ringbuchtechnik GmbH" inħolqot fl-2003. L-uffiċċji prinċipali jinsabu fl-Awstrija filwaqt li l-produzzjoni ssir fl-Ungerija.

6. ĦSARA

6.1. Il-konsum tal-Unjoni

(33) Il-konsum ġie stabbilit fuq il-bażi taċ-ċifri li ġejjin:

— il-bejgħ totali vverifikat fis-suq tal-Unjoni rrapurtat mill-industrija tal-Unjoni u l-produttur l-ieħor tal-UE;

— il-volum ta' esportazzjoni totali vverifikata mill-UE tal-produttur esportatur li qed jikkoopera fit-Tajlandja għall-perjodi mitluba fil-kwestjonarju (is-snin 2008, 2009 u l-PI), u l-Eurostat għas-snin l-oħra;

— il-Eurostat għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħrajn.

(34) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-UE tal-RBM żviluppa kif ġej:

	2006	2007	2008	2009	PI
Konsum (000biċċiet)	100	100	111	93	95

Sors: it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju u l-Eurostat.

(35) Il-konsum naqas b'5 % matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara ⁽¹⁾. Madankollu għandu jiġi nnotat li wara żieda ta' madwar 10 % bejn l-2006 u l-2008, il-konsum naqas b'15 % fil-perjodu ta' wara.

6.2. Importazzjonijiet mit-Tajlandja

(a) Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem tas-suq

	2006	2007	2008	2009	PI
Volum tal-importazzjoni	100	65	153	116	119
Sehem tas-suq	12,0 %	7,8 %	16,5 %	15,0 %	15,0 %

Sors: it-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju u l-Eurostat.

(36) L-importazzjonijiet mit-Tajlandja għall-perjodu 2008-PI huma bbażati fuq it-tweġiba għall-kwestjonarju tal-produttur esportatur li qed jikkoopera l-esportatur Tajlandiż uniku magħruf u bbażati fuq id-dejta tal-Eurostat għas-snin l-oħra. Fuq din il-bażi, ġie stabbilit li l-volum tal-importazzjonijiet totali tal-RBM mit-Tajlandja żdied bi kważi 20 % bejn l-2006 u l-PI. Il-livell tal-importazzjonijiet, madankollu, varja b'mod sinifikanti matul dan il-perjodu, u ż-żieda l-aktar importanti saret bejn l-2007 u l-2008, meta l-importazzjonijiet żdiedu aktar mid-doppju.

(37) L-ishma tas-suq Tajlandiż kellhom tendenza globali li jiżdiedu u kisbu tliet punti bejn l-2006 u l-PI. B'mod simili għall-volum tal-bejgħ, l-ishma tas-suq laħqu quċċata fl-2008, f'livell ta' 16,5 %.

(b) Il-prezz tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat / bejgħ taħt il-prezz

	2006	2007	2008	2009	PI
prezz tal-importazzjoni	100	103	123	113	113

⁽¹⁾ Qed jingħataw meded biss biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-Kwerelant uniku.

- (38) Il-prezzijiet tal-importazzjoni l-ewwel żdiedu b'aktar minn 20 % bejn l-2006 u l-2008 u wara naqsu.
- (39) Minkejja żieda globali ta' 13 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara, il-prezzijiet Tajlandiżi waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni matul il-PI. It-tqabbil tal-prezzijiet għall-mudelli li jikkorrispondu, aġġustati kif xieraq fejn meħtieġ, tassew urew li bħala medja l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu aktar minn 30 % inqas mill-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI. Tqabbil tal-livell medju tal-prezz matul is-snin l-oħra jissuġġerixxi rati simili ta' qtugħ fil-prezz għas-snin 2006-2009.
- (40) Il-livell assolut tal-prezzijiet tal-importazzjoni Tajlandiżi kienu ukoll b'mod sistematiku taħt il-prezz ta' importazzjonijiet oħra u b'mod aktar sinifikanti taħt il-prezz tal-produttur tal-Unjoni l-ieħor.

6.3. Is-Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ⁽¹⁾

(a) Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2006	2007	2008	2009	PI
Produzzjoni	100	130	131	80	83
Kapaċità tal-produzzjoni	100	110	115	80	75
Użu tal-kapaċità	79 %	94 %	90 %	79 %	88 %

- (41) Matul il-perjodu globali, kemm il-produzzjoni kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni naqsu rispettivament bi kważi 20 % u 25 %. L-użu tal-kapaċità li qed jiżdied għandu jitqies biss bħala r-riżultat ta' tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni b'25 % matul l-istess perjodu. Dan huwa l-aktar ir-riżultat ta' sensja (ara l-impjeggi hawn taħt).
- (42) Madankollu għandu jiġi nnotat li l-volum u l-kapaċità tal-produzzjoni l-ewwel tjebu sal-2008, imbagħad naqsu b'mod sinifikanti.

(b) Ħażniet

	2006	2007	2008	2009	PI
Ħażna tal-ghelug	100	137	153	124	126

- (43) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara, il-ħażniet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'mod globali bi 26 %. Parti sinifikanti tal-produzzjoni tal-RBM tikkonsisti fi prodotti standard, u l-industrija tal-Unjoni għalhekk trid iżżomm ċertu livell ta' ħażna sabiex tkun f'pożizzjoni li tissodisfa malajr id-domanda tal-klijenti tagħha. Għaldaqstant, kwalunkwe żieda fil-ħażna tal-ghelug 'il fuq mil-livell medju tindika li hemm diffikultajiet biex jinbiegħu l-prodotti.

(c) Il-volum tal-bejgħ, is-sehem tas-suq u t-kabbir

	2006	2007	2008	2009	PI
Volum tal-bejgħ fl-UE	100	105	113	79	77
Ishma tas-suq	29,6 %	31,1 %	30,2 %	25,2 %	24,0 %

- (44) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE naqas bi 23 % matul il-perjodu analizzat, li kien jikkorrispondi f'ishma tas-suq li kienu qed jonqsu minn 29,6 % sa 24,0 %, jiġifieri tnaqqis ta' aktar minn ħames punti. Il-volum tal-bejgħ u l-ishma tas-suq fil-fatt iddeterjoraw mill-2008.

⁽¹⁾ L-informazzjoni hija bbażata fuq id-dejta vverifikata mressqa mill-industrija tal-Unjoni fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju u tingħata f'numri tal-indiċi (2006 = 100) jew f'medda kull fejn ikun meħtieġ li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità.

- (45) B'mod globali, l-iżvilupp ta' hawn fuq jindika nuqqas ta' tkabbir fl-industrija tal-Unjoni bejn l-2006 u l-PI.

(d) *Il-prezzijiet tal-bejgħ*

	2006	2007	2008	2009	PI
Prezz tal-bejgħ	100	99	99	110	107

- (46) Il-prezz tal-bejgħ medju peżat tal-industrija tal-Unjoni kien relattivament stabbli sal-2008. Imbagħad żdied b'10 % fl-2009 biex jonqos bi tliet punti perċentwali fl-PI. Din iż-żieda fil-prezz hija r-riżultat ta' taħlita ta' żewġ fatturi: bidla fit-taħlita tal-produzzjoni minħabba l-volum tal-bejgħ li kien qed jonqos tal-prodotti aktar standardizzati - u irħas, u t-tentattiv tal-industrija tal-Unjoni biex tikkompensa għat-telf li sar fl-2008. Dan tal-aħħar madankollu ma kienx ta' suċċess minħabba li l-industrija tal-Unjoni kompliet taħdem b'telf fil-perjodu ta' wara (ara hawn taħt).

(e) *Il-profitabbiltà, ir-redditu mill-investimenti u l-fluss tal-likwidità*

	2006	2007	2008	2009	PI
Fatturat f% tal-profit u t-telf	100	9	135	167	146
Fluss tal-likwidità	100	- 502	- 685	- 136	- 291
Redditi mill-assi netti	100	87	104	146	176

- (47) L-industrija tal-Unjoni kienet qed taġmel telf matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara, u t-tendenza ta' hawn fuq turi żieda globali fil-livell tat-telf. Għalkemm is-sitwazzjoni tjebet ftit fl-2007 (saret kważi sitwazzjoni ta' la qligħ u lanqas telf), hija ddeterjorat mill-2008. Għalkemm it-tnaqqis fil-fluss tal-likwidità seta' jiġi limitat b'xi mod, xorta baqa' fin-negattiv mill-2007. Ir-redditu mill-assi netti kien ukoll fin-negattiv matul il-perjodu globali u naqas b'mod konsistenti bejn l-2006 u l-PI.

(f) *L-investimenti u l-ħila li jiżdied il-kapital*

	2006	2007	2008	2009	PI
Investimenti	100	45	50	17	26

- (48) L-investimenti kellhom tendenza li jonqsu ħafna, jiġifieri - 75 % matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara.

- (49) Kif iddikjarat hawn fuq, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni, jista' jiġi konkluż li l-ħila taġħha li żżid il-kapital minn sorsi indipendenti kienet serjament affettwata.

(g) *L-impjegi, il-produttività u l-pagi*

	2006	2007	2008	2009	PI
Impjegi	100	111	118	99	87
Produttività	100	117	111	81	95
Pagi	100	106	113	92	71

- (50) Matul il-perjodu globali, l-impjegi (unitajiet full-time) naqsu bi 13 % u l-akbar tnaqqis sar wara s-sena 2008 meta l-impjegi kienu laħqu quċċata. Il-pagi kellhom l-istess tendenza fil-parti l-kbira.

- (51) Il-produttività, li titkejjel f'eluf ta' biċċiet prodotti għal kull impjegat matul il-perjodu, b'mod ġenerali kellha l-istess tendenza bħal dik tal-impjegji, iżda t-tnaqqis seta' jiġi limitat matul il-PI.

(h) *Id-daqs tal-marġini effettiv tad-dumping*

- (52) Fuq il-bażi tal-aħjar fatti disponibbli, l-investigazzjoni stabbilixxiet l-eżistenza tad-dumping matul il-PI ta' 17,2 %, li hija sostanzjali.

(i) *L-irkupru mill-effett tad-dumping fil-passat*

- (53) L-industrija tal-Unjoni ilha tbatu mill-effetti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għal bosta snin. Madankollu setgħet tibbenefika minn miżuri relativament effettivi sas-sena 2008, iżda s-sitwazzjoni reġgħet iddeterjorat wara. Dan huwa spjegat aktar fit-taqsimha relatata mal-interess tal-Unjoni hawn taħt.

6.4. **Konklużjoni**

- (54) Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat b'mod ċar bejn l-2006 u l-PI. Dan kien ikkaratterizzat b'mod partikolari minn tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni u fil-volum tal-bejgħ (rispettivament - 17 %, - 13 %), li rriżulta wkoll fi tnaqqis tas-sehem tas-suq minn 29,6 % sa 24 %. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni għet affettwata wkoll. Il-livell tat-telf li ġarrbet il-kumpanija żdied tassew, u kemm il-fluss tal-likwidità kif ukoll ir-redditu mill-assi netti segwew l-istess tendenza negattiva. It-tentattivi tal-industrija tal-Unjoni li tillimita l-livell tat-telf billi żżid il-prezzijiet tagħha fl-2009 ma kienx ta' suċċess, u s-sitwazzjoni marret għall-aġġar.

- (55) Għalhekk, l-investimenti tnaqqsu għal-livell minimu tagħhom, u l-kumpanija ma kellhiex għażla ħlief li tkeċċi numru sostanzjali ta' nies sabiex tiffaċċja s-sitwazzjoni.

- (56) Madankollu għandu jiġi nnotat li matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tgiebet f'it bejn l-2006 u l-2008. Tassew, matul dan il-perjodu, il-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, u l-impjegji kellhom tendenza li jiżdiedu. Iżda daww l-indikaturi naqsu b'mod sinifikanti mill-2009. L-indikaturi tal-profitabbiltà min-naħa l-oħra baqgħu negattivi matul il-perjodu globali; għalkemm il-profitabbiltà kważi waslet f'sitwazzjoni ta' bla qligħ u bla telf fl-2007.

- (57) Meta jitqies dak li ntqal hawn fuq, huwa provviżorjament konkluż li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet ħsara materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

7. **KAWŻALITÀ**

7.1. **Introduzzjoni**

- (58) Skont l-Artikoli 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk il-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni kienx ikkaġunat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat. Minbarra dan, fatturi magħrufa oħra għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li setgħu għamlu ħsara lill-industrija tal-Unjoni, ġew eżaminati biex jiġi żgurat li kwalunkwe ħsara kkawżata minn daww il-fatturi l-oħra ma kinitx attribwita għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

7.2. **L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

- (59) Għandu jiġi nnotat li s-suq tal-Unjoni huwa kkaratterizzat minn numru relattivament żgħir ta' sorsi ta' provvista (tnejn fl-Unjoni, wieħed fl-Indja, wieħed fit-Tajlandja u għad hemm xi provvista li tiġi miċ-Ċina) u li s-suq għalhekk huwa pjuttost trasparenti f'termini ta' prezzijiet, permezz ta' stimuli tal-prezz. Barra minn hekk, parti sinifikanti tad-domanda fl-UE tikkonċerna t-tipi standard ta' RBM, li għalihom il-prezz huwa fattur deċiżiv meta wieħed jixtri l-prodott.

- (60) F'dan il-kuntest, l-investigazzjoni wriet li l-volum tal-importazzjonijiet tal-RBM mit-Tajlandja żdied bi kważi 20 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara, u laħaq sehem tas-suq ta' 15 % matul il-PI. L-industrija tal-Unjoni tilfet volum sinifikanti ta' bejgħ matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, ġie stabbilit li, matul il-PI, l-RBM mit-Tajlandja waqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'aktar minn 30 %, li huwa sinifikanti ħafna għal dan it-tip ta' prodott.
- (61) It-taħlita tal-volum kbir ta' importazzjoni u l-livell baxx ta' prezzijiet wasslet għal pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' dumping, il-prezzijiet Tajlandiżi kienu jkunu mill-inqas matul il-PI kważi 20 % ogħla mil-livell effettiv tagħhom, u dan seta' jfisser prezz globali ogħla tas-suq tal-Unjoni.
- (62) Minħabba l-volum u l-livell tal-prezzijiet tagħhom, huwa għalhekk meqjus li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fixklu t-tentattiv tal-industrija tal-Unjoni biex terġa' tagħmel profitt, jew mill-inqas tnaqqas it-telf tagħha, billi żżid il-kwantitajiet ta' bejgħ u/jew il-prezzijiet għal livell aktar xieraq matul il-perjodu 2009-PI. Il-pressjoni kontinwa li ġiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mit-Tajlandja fuq is-suq tal-Unjoni għalhekk irriżultat fit-telf tal-volum tal-bejgħ, tal-ishma tas-suq, prezzijiet baxxi u bħala konsegwenza fit-telf tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.
- (63) Għandu jiġi mfakkar li f'investigazzjoni ta' revizzjoni tal-iskadenza reċenti ⁽¹⁾, ġie konkluż li l-industrija kienet għadha f'sitwazzjoni prekarja ħafna fl-2008 u kienet għadha sensitiva ħafna għal importazzjonijiet oħra li huma l-oġġett ta' dumping.
- (64) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż provviżorjament li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-Tajlandja kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

7.3. L-effett ta' fatturi oħra

7.3.1. Tnaqqis fid-domanda fis-suq tal-Unjoni

- (65) Id-domanda fis-suq tal-Unjoni żdiedet b'10 % fl-2008, iżda mbagħad naqset b'mod sinifikanti fis-sena ta' wara, b'madwar 15 %. Dan għandu jitqies fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, u d-deċiżjoni ta' bosta kumpaniji li jnaqqsu l-kosti ġenerali, inklużi dawk għall-oġġetti tal-kartolerija. Is-settur globali tal-illegar bl-anelli bata minn din is-sitwazzjoni. L-importazzjonijiet Indjani u Tajlandiżi naqsu fil-volum assolut kif ukoll il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.
- (66) Madankollu għandu jiġi nnotat li f'termini relattivi, l-industrija tal-Unjoni batiet aktar minn atturi oħra minħabba li s-sehem tas-suq tagħha naqas minn 30,2 % sa 25,2 % bejn l-2008 u l-2009. Meta jitqies il-fatt li l-industrija tal-illegar bl-anelli għadha kosti fissi kbar, telf fil-volum tal-bejgħ kellu impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant. Madankollu, it-tnaqqis fil-konsum għandu jitqies flimkien mal-iżvilupp tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-Tajlandja. Fil-fatt, l-importazzjonijiet Tajlandiżi kellhom sehem tas-suq kbir li kien jirrappreżenta kważi tliet darbiet aktar mill-kwantità li tikkorrispondi għat-tnaqqis fil-konsum.
- (67) Minn din il-perspettiva, jista' jiġi konkluż li t-tnaqqis fil-konsum, li kien ikkawżat mill-kriżi ekonomika, seta' kkontribwixxa għall-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. Madankollu jekk kien hemm effett, dan l-effett żgur li kien imsaħħaħ b'mod konsiderevoli mill-importazzjonijiet soġġetti għall-investigazzjoni.

7.3.2. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (68) L-RBM jiġu prodotti u esportati mill-Indja u ċ-Ċina wkoll. Dawn l-importazzjonijiet żviluppaw kif ġej:

⁽¹⁾ Ir-Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE).Nru 157/2010, (ĠU L 49, 26.2.2010, p. 1).

	2006	2007	2008	2009	IP
L-Indja					
volum tal-importazzjoni	100	93	102	88	91
ishma tas-suq	47,6 %	44,3 %	43,5 %	45,2 %	45,3 %
prezz medju	100	99	118	116	113
Iċ-Ċina					
volum tal-importazzjoni	100	91	153	150	151
ishma tas-suq	3,5 %	3,1 %	4,8 %	5,6 %	5,5 %
prezz medju	100	98	90	85	86

Sors: Eurostat.

(69) Hemm produttur esportatur wieħed biss ta' RBM fl-Indja, u l-volum tal-importazzjoni tiegħu naqas bi kważi 10 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara. L-Indja madankollu tirrappreżenta porzjon sinifikanti tas-suq tal-Unjoni billi kellha medja ta' 45 % tal-ishma tas-suq matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Indja żdiedu b'mod globali bi 13 %, fl-ivell fit aktar għoli mill-prezzijiet tat-Tajlandja. Minħabba l-pożizzjoni prevalenti fis-suq tal-Unjoni, u fid-dawl tal-prezz ta' importazzjoni kompetittiv tagħha, l-Indja hija kompetitur sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni. Madankollu, meta wieħed jagħti ħarsa lejn it-tendenza deskritta hawn fuq, jiġifieri volum li jonqos bi prezzijiet jiżdiedu, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Indja setgħet tikkontribwixxi għad-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-PI. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li ċertu proporzjon tal-importazzjonijiet Indjani, jiġifieri madwar terz minnhom, inxtara direttament u nbiegħ fis-suq tal-Unjoni minn distributtur relatat mal-industrija tal-Unjoni.

(70) L-importazzjonijiet Ċiniżi kienu soġġetti għal dazji antidumping minn 51,2 % sa 78,8 % mill-2004. Il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'madwar 50 % bejn l-2006 u l-PI, jiġifieri żieda fis-sehem tas-suq ta' żewġ punti minn 3,5 % sa 5,5 %. Anke jekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kellhom tendenza li jonqsu matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara, il-livell globali tagħhom madankollu baqa' ħafna ogħla mill-prezzijiet Tajlandiżi. U dan anke jekk ma titqiesx l-applikazzjoni tad-dazji antidumping. Għalhekk huwa konkluż li dawn l-importazzjonijiet ma kkontribwewx għad-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-PI.

(71) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, huwa provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi terzi ma kkontribwewx, almenu mhux aktar minn b'mod marġinali, għall-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

7.3.3. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(72) Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni ġiet eżaminata wkoll bħala wieħed mill-fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li fl-istess ħin setgħet tagħmel ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

(73) L-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni rrappreżentaw medja ta' madwar 5 % tal-bejgħ totali tagħha ta' RBM matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara u baqgħu relattivament stabbli. Għalhekk huwa provviżorjament konkluż li dan ma seta jikkawża l-ebda ħsara lill-industrija tal-Unjoni.

7.4. Il-konklużjoni dwar il-kawżalità

(74) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li l-importazzjonijiet mit-Tajlandja kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni matul il-PI, minħabba l-volum u l-livell tal-prezzijiet tagħhom. L-importazzjonijiet fil-fatt żdiedu f'termini assoluti, instabu li kienu oġġett ta' dumping u l-livell tal-prezz tagħhom instab li kien ħafna aktar baxx mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni għal tipi ta' prodotti simili. F'dan is-suq bi prezzijiet sensitivi, fejn in-numru ta' fornituri huwa relattivament limitat u s-suq pjuttost trasparenti, rata tat-tnaqqis ta' aktar minn 30 % żgur kellha impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet tas-suq.

(75) L-eżami tal-fatturi magħrufa l-oħra li setgħu jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni wera li t-tnaqqis fid-domanda seta' kellu rwol f'dan. Madankollu, minkejja l-effetti negattivi tat-tnaqqis fid-domanda fis-suq tal-Unjoni, huwa provviżorjament konkluż li dan il-fattur ma kienx daqshekk negattiv li jelimina r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-Tajlandja u l-ħsara materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. It-tnaqqis fid-domanda fil-fatt għandha titqies flimkien mal-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li aggrawaw tassew l-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja.

(76) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat b'mod xieraq l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti ta' ħsara tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, huwa provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mit-Tajlandja kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

8. L-INTERESS TAL-UNJONI

8.1. Kumment preliminari

(77) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni provviżorja dwar dumping li kkawża ħsara, kinux jeżistu raġunijiet serji għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri provviżorji antidumping f'dan il-każ partikolari. Għal dan il-għan, u skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, l-impatt probabbli tal-miżuri possibbli fuq il-partijiet kollha involuti f'dan il-proċediment u anke l-konsegwenzi probabbli li ma jittieħdux il-miżuri, tqies fuq il-bażi tal-evidenza kollha mressqa.

(78) Sabiex jiġi stmat l-impatt probabbli tal-miżuri, il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku. Il-produttur tal-Unjoni applikant u erba' importaturi mhux relatati wiegħbu għall-kwestjonarju. Il-produttur tal-Unjoni l-ieħor, li huwa wkoll importatur, ipprova xi informazzjoni u utent wieħed ressaq twegħba għall-kwestjonarju.

8.2. Deskrizzjoni tas-suq tal-Unjoni

(79) Sabiex ikun hemm għarfien aħjar dwar l-interessi varji kollha involuti, huwa meqjus importanti li l-ewwel jiġu deskritti l-karatteristiċi ewlenin tas-suq.

(80) Il-miżuri antidumping ġew imposti għall-ewwel darba kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli li joriġinaw miċ-Ċina fl-1997⁽¹⁾. Ir-rata tad-dazju oriġinali ġiet miżjuda tliet snin wara reviżjoni interim. Dawk il-miżuri tassew ġew estiżi għat-tieni darba wara reviżjoni tal-iskadenza li tistabbilixxi li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u li jikkawżaw ħsara jergħu jibded isiru jekk ma jiġux estiżi dawn il-miżuri⁽²⁾.

(81) Bosta investigazzjonijiet stabbilixxew li ġew evitati l-miżuri kontra ċ-Ċina, u għalhekk ġew estiżi għall-Vjetnam u għar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos, rispettivament fl-2004 u fl-2006, u l-ambitu tal-

miżuri wkoll kellu jiġi estiż għal ċerti RBM li ġew immo-difikati f'it⁽³⁾. Fl-aħħar nett għandu jiġi msemmi li l-importazzjonijiet ta' RBM mit-Tajlandja kienu soġġetti għal żewġ investigazzjonijiet differenti kontra ċ-ċirkonvenzjoni, fl-2004 u fl-2008, u għal investigazzjoni ġdida antidumping fl-2008. Filwaqt li dawn l-investigazzjonijiet ma wasslu għall-ebda miżura, l-investigazzjoni attwali stabbilixxiet b'mod ċar li l-esportatur Tajlandiż ipprova informazzjoni falza fit-twegħba tiegħu għall-kwestjonarju.

(82) Għandu jiġi nnotat li l-RBM huma importati fis-suq tal-Unjoni mid-distributuri, mill-aġenti jew direttament mill-utenti, jiġifieri l-kumpaniji li jipproduċu l-ligaturi.

(83) Fl-aħħar nett għandu jiġi mfakkar li n-numru ta' produtturi ta' RBM li jipprova lis-suq tal-Unjoni huwa relattivament limitat. Fil-fatt, minbarra ż-żewġ produtturi fl-UE, jeżisti produttur wieħed biss magħruf fit-Tajlandja, wieħed fl-Indja, u xi f'it-Ċina. Dan tal-aħħar huwa soġġett għal miżuri antidumping kif spjegat hawn fuq. Kemm il-produttur esportatur fit-Tajlandja kif ukoll fl-Indja huma l-proprjetà ta' kumpaniji bbażati f'Hong Kong, rispettivament Wah Hing Stationary, negozjant ta' RBM li għandu sit ta' produzzjoni fiċ-Ċina, u World Wide Stationary, li għandu ftehim ta' provvista ma' Bensons, distributtur proprjetà tal-industrija tal-Unjoni.

8.3. L-industrija tal-Unjoni

(84) Huwa mfakkar li f'it snin ilu, l-industrija tal-Unjoni diġà ffaċċjat diffikultajiet ekonomiċi serji, fost affarijiet oħra minħabba importazzjonijiet innegożjati m'bod iġust, u kellha tagħmel ristrutturar sabiex tiżgura l-eżistenza kontiwa tagħha kif spjegat hawn taħt.

(85) L-industrija tal-Unjoni fil-fatt kkonstistiet minn żewġ produtturi meta tressaq l-ewwel ilment antidumping fl-1995: Koloman Handler GmbH, kumpanija Awstrijaka, u Robert Krause GmbH & Co., kumpanija Ġermaniża. Dawn iż-żewġ kumpaniji kienu preżenti fis-suq tal-RBM tal-UE għal żmien twil diġà iżda s-sitwazzjoni ekonomika tagħhom tant saret ħażina li t-tnejn kellhom jiddikjaraw stat ta' falliment. Filwaqt li Robert Krause GmbH iddikjara stat ta' falliment fl-1998 u l-kumpanija ta' suċċessjoni tiegħu kellha tagħmel l-istess fl-2002, Koloman Hander sar insolventi fl-2001. Iż-żewġ kumpaniji waqgħu f'idejn kumpanija oħra, SX Bürowaren Produktions- und Handels GmbH, li mbaġħad ġiet akkwistata minn Ring Alliance Ringbuchttechnik GmbH, l-applikant f'dan il-każ.

(86) Minn dakinhar l-attività ġiet ristrutturata sabiex tikkompeti aħjar mad-dinja kollha, iżda b'mod partikolari fil-qalba tas-suq tal-applikant, jiġifieri s-suq tal-UE. Dan ir-ristrutturar kien jinkludi l-akkwist ta' Bensons, negozjant stabbilit sew ta' RBM ma' kumpaniji li jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi, Singapor, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 119/97, (ĠU L 22, 24.1.1997, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 157/2010.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 818/2008, (ĠU L 221, 19.8.2008, p. 1).

- (87) L-isforzi li għamlet l-industrija sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni tagħha madankollu ddgħajfu minħabba li l-effetti pożittivi tal-miżuri kontra l-importazzjonijiet inġusti ġew dilwiti bil-prattiċi ta' assorbiment u ta' ċirkomvenzjoni, kif spjegat hawn fuq. Bħala konsegwenza, minkejja t-titjib sinifikanti b'mod partikolari sas-sena 2008, is-sitwazzjoni tal-industrija baqgħet dgħajfa, kif konkluż fl-investigazzjoni li twassal għall-estensjoni tal-miżuri antidumping kontra ċ-Ċina.
- (88) L-investigazzjoni attwali kkonkludiet li fis-snin reċenti l-industrija tal-Unjoni qiegħda terġa' ġġarrab ħsara materjali u li dan ġie kkawżat minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mit-Tajlandja.
- (89) Permezz tal-isforzi ta' ristrutturar tagħha, l-industrija tal-Unjoni uriet li hija industrija vijabbli li għadha f-pożizzjoni li tipprovdi sehem kbir tas-suq tal-UE. Madankollu għandha bżonn protezzjoni addizzjonali u effiċjenti kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mis-sorsi kollha sabiex tilħaq sitwazzjoni soda u b'saħħitha. Intilfu kważi 60 impjieg bejn l-2008 u l-PI, u l-industrija tal-Unjoni għamlet telf kbir f'dawn l-aħħar snin. Mingħajr miżuri kontra l-importazzjonijiet innegozjati b'mod inġust mit-Tajlandja, ma jistax jiġi eskluż li l-applikant ikun mġiegħel jwaqqaf l-attività tiegħu u aktar minn 160 impjieg oħra jinsabu friskju.
- (90) Meta jitqies il-fatt li l-importazzjonijiet mit-Tajlandja nsabu li qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni, li l-industrija tal-Unjoni għamlet l-isforzi kollha meħtieġa ta' ristrutturar u hija kapaċi tikkompeti fsuq fejn l-importazzjonijiet jiġu nnegozjati b'mod ġust, huwa konkluż li jkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri provviżorji kontra l-importazzjonijiet ta' RBM mit-Tajlandja.
- 8.4. Importaturi u negozjanti**
- (91) Wara l-bidu tal-investigazzjoni, ħames importaturi, inkluż it-tieni produttur tal-Unjoni, indentifikaw irwieħhom u pprovdeu tweġiba għall-kwestjonarju jew informazzjoni oħra. Dawn il-kumpaniji rrappreżentaw 75 % tal-importazzjonijiet ta' RBM mit-Tajlandja matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (92) Waħda mill-kumpaniji ta' hawn fuq, li kienet tirrappreżenta madwar 20 % tal-importazzjonijiet globali Tajlandiżi, iddeċidiet li twaqqaf l-attivitajiet kollha tagħha relatati mal-RBM wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Għal importatur ieħor, il-volum tal-bejgħ ta' RBM ġie maqsum fi tlieta matul il-perjodu globali tal-investigazzjoni tal-ħsara u kien jirrappreżenta biss proporzjon minimu tal-fatturat globali tiegħu matul il-PI (madwar 1 %). Barra minn hekk, dan tal-aħħar waqaf jixtri mit-Tajlandja fl-2008 u nbidel f'distributur tal-UE. Għalhekk huwa konkluż li kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri mhux se taffettwa s-sitwazzjoni ta' dawn iż-żewġ importaturi.
- (93) Importatur ieħor, li kien jirrappreżenta inqas minn 10 % tal-importazzjonijiet Tajlandiżi kollha, iddikjara li jekk jiġu imposti miżuri kontra t-Tajlandja, dan ma jibqax ikollu sorsi alternattivi ta' provvista u għalhekk ikun mġiegħel iwaqqaf l-attività tiegħu ta' RBM. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li madankollu, l-għan tal-miżuri antidumping huwa li ma tiġi eskluża l-ebda importazzjoni fis-suq tal-Unjoni, iżda bil-kontra li l-importazzjonijiet jitħallew ikomplu jsiru, iżda bi prezzijiet li mhumiex oġġett ta' dumping. Dan l-importatur għalhekk ikun jista' jkompli jimporta RBM mit-Tajlandja, għalkemm ikun soġġett għall-ħlas ta' dazi antidumping, u jista' jgħaddi din iż-żieda tal-kosti parzjalment jew kompletament lill-klijenti tiegħu.
- (94) Madankollu huwa rikonoxxut li dan ma jistax jinkiseb faċilment minħabba s-sensittività tal-prezz tal-prodott u l-kompetizzjoni minn importazzjonijiet minn pajjiżi oħra bħall-Indja. Barra minn hekk, minħabba l-istruttura tas-suq tal-Unjoni u n-numru limitat ta' produtturi fid-dinja kollha, huwa tassew probabbli li dan l-importatur jista' jibda jiffaċċja xi diffikultajiet biex jibda juża sorsi oħra ta' provvista. Madankollu għandu jiġi nnotat li l-porzjon tal-bejgħ tal-RBM tal-kumpanija, meta mqabbel mal-fatturat totali tagħha, naqas matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara, minn madwar 40 % sa 25 %, u, aktar importanti, l-investigazzjoni uriet li l-attività tal-RBM iġġenerat telf biżżejjed f'dawn l-aħħar snin. Fi kliem ieħor, illum diġà hemm dubji rigward il-vijabbiltà tan-negozju tal-RBM ta' dan l-importatur.
- (95) Ir-raba' importatur ukoll iddikjara li fil-każ li jiġu imposti miżuri se jkollu jieqaf in-negozju tiegħu ta' RBM minħabba n-nuqqas ta' sorsi alternattivi ta' provvista. Madankollu, il-bejgħ ta' RBM f'dan il-każ kienu jirrappreżentaw biss proporzjon minimu tal-fatturat totali tal-kumpanija matul il-PI, b'persuna waħda biss li għandha x'taqsam mal-prodott ikkonċernat, u huwa probabbli ħafna li l-kumpanija tista', b'mod relattivament faċli, iżżomm l-attività globali tagħha anke mingħajr in-negozju tal-RBM, jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tagħmel li dan ma jistax jiġi evitat.
- (96) Għalhekk huwa konkluż li anke jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tassew tista' taffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni taż-żewġ importaturi ta' hawn fuq, xorta mhux se taffettwa b'mod sinifikanti l-attivitajiet ekonomiċi globali tagħhom.
- (97) Is-sitwazzjoni tal-aħħar importatur hija inqas ovvja minħabba li nofs il-bejgħ tiegħu ta' RBM huwa ta' prodotti Tajlandiżi (dawn jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-importazzjonijiet totali tal-UE ta' RBM mit-Tajlandja). In-nofs l-ieħor huwa prodott fl-UE. Barra

- minn hekk, anke jekk il-kumpanija qiegħda tbiegħ l-aktar il-mekkaniżmi li jinfetħu u jingħalqu bil-lieva, il-bejgħ tal-RBM jirrappreżenta proporzjon mhux negliġibbli tal-fatturat totali tal-kumpanija (madwar 15 %). Dan il-bejgħ huwa wkoll meqjus bħala kruċjali mill-kumpanija minħabba li l-klijenti tagħha ta' spiss jeħtieġu li l-fornituri jkunu jistgħu jipprovdu medda sħiħa ta' prodotti.
- (98) Parti sinifikanti tal-attività tal-kumpanija għalhekk tiddependi fuq importazzjonijiet tal-RBM mit-Tajlandja, u b'mod partikolari l-prodotti inqas sofisticati li huma meħtieġa biex wieħed ikun jista' joffri medda ta' prodotti sħiħa, kundizzjoni importanti biex wieħed iżomm numru kbir biżżejjed ta' klijenti. Skont il-kumpanija, kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri tista' tirriżulta fit-tmiem tal-attività globali tagħha, u t-telf ta' madwar 170 impjeg. Madankollu għandu jiġi nnotat li dan huwa n-numru ta' ħaddiema tal-kumpanija kollha u li huwa stmat li l-attività tal-RBM tirrappreżenta inqas minn 30 persuna.
- (99) F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi enfasizzat li din il-kumpanija rnexxila ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha fis-suq tal-RBM fl-aħħar snin - is-sehem globali tagħha tas-suq ta' prodotti importati u l-produzzjoni tagħha stess żdied minn 9 % sa 15 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni tal-ħsara - minħabba li bbenefikat minn importazzjonijiet irħas u li huma l-oġġett ta' dumping.
- (100) It-tieni nett, wieħed jista' jgħid li din il-kumpanija tista' - mill-inqas parzjalment - tkompli timporta mit-Tajlandja, iżda bi prezzijiet li mhumiex oġġett ta' dumping, jew anke tqis il-miżuri bħala opportunità li żżid il-produzzjoni tagħha, u/jew il-kapaċità tal-produzzjoni, u l-bejgħ tal-RBM prodotti minnha stess. Il-kumpanija nnifisha ammettiet din il-possibbiltà, għalkemm bil-kumment li xorta jkollha tiffaċċja l-kompetizzjoni qalila mal-prodotti Indjani, li madankollu huma importati minn diversi kumpaniji u mhux biss min-negożjanti relatat mal-industrija tal-Unjoni.
- (101) Huwa ċar li l-kumpanija tassew ikollha tiffaċċja kompetizzjoni qalila mal-prodotti Indjani li fil-medja matul il-PI kienu biss ftit aktar għaljin mill-importazzjonijiet Tajlandiżi (+ 6 %). Madankollu, sakemm ma jintwerix li l-importazzjonijiet Indjani huma l-oġġett ta' dumping, dan għandu jitqies biss bħala r-riżultat ta' kompetizzjoni għusta.
- (102) Fl-aħħar nett, l-impatt negattiv tal-miżuri kontra t-Tajlandja xorta jista' jkun limitat xi ftit jekk jista' jkun possibbli li jintlaħaq ċertu bilanċ bejn żieda fil-produzzjoni tagħha stess u t-tkomplija ta' ċertu livell ta' importazzjonijiet, għalkemm bi prezzijiet li mhumiex oġġett ta' dumping. Huwa mfakkar li 75 % tal-fatturat tal-kumpanija huwa magħmul minn bejgħ ta' prodotti oħra.
- (103) Fuq dan ta' hawn fuq, huwa provviżorjament konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji jistgħu biss ikollhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-aħħar importatur, jiġifieri l-produttur l-ieħor tal-Unjoni, iżda dan tal-aħħar ibbenefika ħafna mill-importazzjonijiet bi prezz baxx u li kienu l-oġġett ta' dumping mit-Tajlandja fil-passat, u l-impatt negattiv kieku jirriżulta b'mod essenzjali mill-kompetizzjoni mal-importazzjonijiet mill-Indja, u dan ma jistax jitqies bħala kompetizzjoni inġusta.

8.5. L-utenti

- (104) Utent wieħed wiegħeb għall-kwestjonarju u dan wera li madwar tliet kwarti tax-xiri tiegħu ta' RBM kienu importazzjonijiet minn pajjiżi għajr it-Tajlandja. Il-bqija tax-xiri kien bejn wieħed u ieħor imqassam b'mod ugwali bejn l-industrija tal-Unjoni u t-Tajlandja.
- (105) Dan l-utent iddikjara li jekk jiġu imposti miżuri, is-sorsi ta' provvista jkun limitati u jkun hemm sitwazzjoni monopolistika. Dan huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni u n-negożjant relatat tagħha Bensons, importatur ta' prodotti Indjani, issir is-sors kważi uniku ta' provvista tas-suq tal-Unjoni. Xi wħud mill-importaturi sostnew l-istess argumenti.
- (106) F'dan ir-rispett, l-ewwel nett għandu jiġi nnotat li l-fatt li n-numru ta' fornituri fis-suq tal-Unjoni huwa limitat mhux fil-fatt raġuni biex ma jiġux imposti miżuri antidumping sabiex jirrimedjaw għall-kummerċ inġust. Huwa tassew meqjus li fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli li l-industrija tal-Unjoni tieqaf teżisti, u dan il-produttur jibqa' jirrappreżenta 25 % tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni u jkun jista' joffri prodotti speċjalizzati u standard fl-UE. Għalhekk ikun ukoll fl-interess tal-utenti li din l-industrija tkompli topera fis-suq.
- (107) It-tieni nett, minkejja l-impożizzjoni ta' miżuri, mhux eskluż li l-importazzjonijiet mit-Tajlandja, anke jekk jonqos il-volum tagħhom, ikompli jkunu preżenti fis-suq tal-Unjoni. B'mod simili, kif spjegat hawn fuq, it-tieni produttur fl-Unjoni x'aktarx li jista' wkoll ikun f'pożizzjoni li jżomm jew anke li jkabbar l-attività tiegħu relatata mal-RBM.
- (108) Fl-aħħar nett, l-importazzjonijiet mill-Indja se jkomplu u l-utenti, inkluż l-utent uniku li qed jikkoopera, ikunu jistgħu jżommu dan il-pajjiż bħala sors ta' RBM tagħhom. Anke jekk n-negożjant relatat tal-industrija tal-Unjoni għandu kuntratt ta' provvista mal-produttori Indjani, dan ma jfissirx li huwa l-importatur/id-distributur esklussiv ta' prodotti Indjani. Għal kuntrarju. Kumpaniji oħra jqassmu wkoll RBM Indjani fis-suq tal-Unjoni, u l-utenti jistgħu jixtru RBM direttament mill-Indja. F'dan

il-kuntest għandu jiġi enfasizzat li madwar żewġ terzi tal-esportazzjonijiet Indjani lill-UE huma nnegozjati jew mixtrijin minn kumpaniji għajr Bensons, in-negozjant relatat mal-industrija tal-Unjoni.

- (109) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-effett tal-miżuri antidumping kontra l-importazzjonijiet ta' RBM li joriġinaw mit-Tajlandja, x'aktarx li ġeneralment mhux se jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

8.6. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (110) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie provviżorjament konkluż li ġeneralment, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli li tikkonċerna l-interess tal-Unjoni, ma' hemm l-ebda raġuni sinifikanti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji kontra l-importazzjonijiet ta' RBM li joriġinaw mit-Tajlandja. Anke jekk l-impożizzjoni ta' miżuri jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq is-sitwazzjoni tal-produttur tal-Unjoni l-ieħor (ara hawn fuq fit-taqsimha dwar l-importaturi) li bbenefika mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping fil-passat, huwa meġjus li dan mhux akbar mill-ħtieġa li wieħed jirrimedja għall-effett negattiv tal-importazzjonijiet iġusti fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

9. MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING

9.1. Il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara

- (111) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tad-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji antidumping sabiex ma jiġix ikkawżat aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett tad-dumping.
- (112) Għall-għan li jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, tqiesu l-marġnijiet tad-dumping li nstabu u l-ammont ta' dazju meħtieġ biex tiġi eliminata l-ħsara li ġarrbu l-produtturi tal-Unjoni.
- (113) Meta kien qed jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti tad-dumping li jagħmel ħsara, tqies li kwalunkwe miżura li tittieħed għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tikseb qligħ qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn produtturi ta' dan it-tip fis-settur f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Huwa meġjus provviżorjament li marġini ta' qligħ ta' 5 % fuq il-fatturat jista' jitqies bħala minimu xieraq li l-industrija tal-Unjoni setgħat stenniet li tikseb fin-nuqqas ta' dumping ta' ħsara. Dan huwa l-istess perċentwal li ntuża fil-proċedimenti li saru qabel rigward l-istess prodott, u ma hemm l-ebda informazzjoni li tindika li ċ-ċirkostanzi nbiddu f'dan ir-rispett u li dan il-livell ma jkunx xieraq f'dan il-każ. Fuq din il-bażi, ġie kkalkolat prezz mhux ta' ħsara għall-produtturi tal-Unjoni għall-prodott simili.
- (114) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz kienet imbagħad iddeterminata fuq il-bażi ta' tqabbil, għal kull tip ta' prodott, tal-

medja peżata tal-prezz ta' importazzjoni tal-produttur esportatur fit-Tajlandja, bil-prezz mhux ta' ħsara tat-tipi ta' prodott mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-PI. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur medju ta' importazzjoni ta' CIF tat-tipi mqabbli. Il-marġni ta' ħsara li rriżulta kien għola mill-marġni tad-dumping.

9.2. Miżuri provviżorji

- (115) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, huwa meġjus li għandhom jiġu imposti l-miżuri antidumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja fl-aktar livell baxx tal-marġnijiet ta' dumping u ta' ħsara skont ir-regola tal-inqas dazju. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha tiġi stabbilita kif xieraq fil-livell tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu.
- (116) Għalhekk, il-marġnijiet tal-eliminazzjoni tal-ħsara u l-marġnijiet ta' dumping u r-rati proposti tad-dazju antidumping provviżorju għat-Tajlandja, espressi fuq il-prezzijiet ta' CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, huma dawn li ġejjin:

Produttur esportatur	Rata ta' dazju AD provviżorja
Thai Stationery Industry Co. Ltd., Bangkok, it-Tajlandja	17,2 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	17,2 %

10. DISPOŻIZZJONI FINALI

- (117) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi stabbilit perjodu li fih il-partijiet interessati li ppreżentaw lilhom infushom fil-limitu ta' żmien speċifikat fl-Avviż ta' bidu jkun jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu għal seduta ta' smiġh. Barra minn hekk, għandu jkun iddikjarat li s-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni tad-dazji li saret għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun li jkollhom jitqiesu mill-ġdid għall-iskop ta' kwalunkwe dazju definittiv.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju provviżorju antidumping huwa b'dan l'impost fuq l-importazzjonijiet fuq il-mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli li attwalment jagħtu taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00 (kodiċijiet TARIC 8305 10 00 11, 8305 10 00 13, 8305 10 00 19, 8305 10 00 21, 8305 10 00 23, 8305 10 00 29, 8305 10 00 34, 8305 10 00 35 u 8305 10 00 36) u li joriġinaw mit-Tajlandja. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-mekkaniżmi tal-illegar bl-anelli għandhom jikkonsistu f'żewġ folji jew wajers tal-azzar b'mill-inqas erba' nofs anelli magħmula minn wajer tal-azzar imħwahħlin fuqhom u li jinżammu ma' xulxin permezz ta' għatu tal-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu billi tiġbed in-nofs anelli jew permezz ta' mekkaniżmu ta' azzjonar żgħir tal-azzar imħwahħal mal-mekkaniżmu tal-illegar bl-anelli.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandha tkun 17,2 %.

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fir-rigward tad-dazji doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jikkomunikaw il-fehmiet

tagħhom bil-miktub u japplikaw sabiex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO